# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Frar 2024**

**Numru 5**

**Rikors numru 69/2014/3 LM**

**GreenPak Coop Society Limited (Coop Reg. No. 98)**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'digriet tat-2 ta' Frar 2018 l-isem għandu jaqra l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2015 ġie kjamat fil-kawza s-Segretarju Permanenti in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-klima.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetá attriċi minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (aktar 'l isfel imsejha "l-Ewwel Qorti")

mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2020 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi hi perenta ai termini tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru, 2014, quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kontra l-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li permezz ta' digriet tat-2 ta' Frar, 2018 isimha kellu jinqara l-Awtoritá għall-Ambjent u r-Riżorsi (minn issa 'l quddiem "l-awtoritá konvenuta" jew "l-awtoritá appellata") il-koperattiva attriċi GreenPak Coop Society Limited (minn issa 'l quddiem "il-koperattiva attriċi" jew "il-koperattiva appellanti") ippremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi s-socjetà rikorrenti hija awtorizzata mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u lIppjanar ai termini tal-Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations u tal-Waste Management (Permit and Control) Regulations (Avviż Legali 337 tal-2001 kif emendat) sabiex fost affarijiet oħra tamministra skema ta' rkupru u riċiklaġġ tal-iskart ta' l-ippakkjar (ossia packaging waste) f'isem u għan-nom talmembri tal-istess skema (ara Dok A), liema skema għal kull bwon fini tissejjaħ Greenpak;
>
> Illi bħalha hija awtorizzata ukoll għall-istess skop is-soċjetà Green MT Limited (C42136); Illi dawn iż-żewġ soċjetajiet huma filfatt l-uniċi żewġ entitajiet fis-suq lokali li huma awtorizzati joperaw skema ta' rkupru u riċiklaġġ tal-iskart tal-ippakkjar;
>
> Illi l-funzjoni ewlenija ta' dawn iż-żewġ skemi hija li jassorbu l-obbligazzjonijiet talprodutturi tal-iskart tal-ippakkjar li jkunu membri, u ċioé inter alia r-ritorn/ġbir u l-użu mill-ġdid jew irkupru tal-iskart tal-

ippakkjar u t-teħid ta' miżuri sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-liġi ta' riċiklaġġ u rkupru;

Illi d-dħul ewlieni tas-soċjetà rikorrenti jikkonsisti prinċipalment fil-ħlas annwali ta' miżata mill-membri ikkalkulat skont il-piż tal-materjal tal-iskart tal-ippakkjar li jkunu tefgħu fis-suq; Illi s-soċjetà rikorrenti min-naħa tagħha perijodikament tinkorri diversi spejjeż flamministrazzjoni tal-iskema fosthom ħlasijiet lill-kolletturi, servizzi mogħtija lil Kunsilli Lokali u l-pubbliku in ġenerali, kif ukoll ħlasijiet lil faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-iskart; Illi ai termini tar-regolamenti numru 17(3)(b) u (ċ) u 15 tal-Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations is-soċjetà rikorrenti bħala operatur ta' skema awtorizzata għandha perijodikament tirrapporta (rapport li jkun awditjat) lill-awtorità intimata dettalji importanti fost oħrajn dwar kemm u kif l-iskart tal-ippakkjar li ntefa' fis-suq mill-membri tagħha matul is-sena ta' qabel jkun ġie użat mill-ġdid, irkuprat u/jew rriċiklat u kif ukoll għandha tissottometti stqarrija li l-iskema tkun konformi fir-rigward tal-ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar li l-membri tagħha jkunu qiegdu fis-suq matul is-sena li tkun għadha kemm għaddiet;

Illi inoltre, membri ta' dawn l-iskemi ta' rkupru u riċiklaġġ tal-iskart tal-ippakkjar jkunu eżentati milli jħallsu l-eko-kontribuzzjoni fuq dawk il-prodotti elenkati fi Skeda 1 talAvviż Legali numru 845 tal-2010 fosthom fliexken, vażetti u kontenituri oħra magħmulin mill-plastik, ħġieġ jew metall u oġġetti li jintużaw fil-kamra tal-banju u preparazzjonijiet tal-ħasil; Illi sabiex il-membri jgawdu mija fil-mija (100%) minn din l-eżenzjoni, il-kumpannija li topera l-iskema ta' rkupru u riċiklaġġ tal-iskart tal-ippakkjar tkun trid tipprova lill-hekk imsejjaħ Approving Body illi l-iskema tkun irkuprat 'l fuq minn sebgħin fil-mija (70%) tal-ammonti ta' prodotti mqegħda fis-suq mill-membri kif ukoll illi mill-inqas sittin filmija (60%) tal-kontenituri tal-iskart kollha li jkun ġew irkuprati jinġabru fil-ġbir li jsir bieb bieb ("door to door collections") u minn siti domestiċi fejn jintefa' l-iskart; Illi dawn ir-regolamenti jridu jitqiesu fl-isfond ta' stampa ikbar, u ċioé fl-isfond tal-miri li pajjiżna bħala membru tal-Unjoni Ewropea jrid jilħaq fl-ammont li jirnexxielu jirkupra u jirriċikla kull sena, liema miri ma jintlaħqux li kieku mhux għat-tħaddim tal-iskemi msemmija;

Illi għalkemm jeżistu inċentivi legali sabiex kumpannija li tħaddem l-skema msemmija tilħaq il-miri stabbiliti (billi fost oħrajn kif diġà għedna l-membri tagħha jkunu jistgħu jiġu eżentanti mija fil-mija milli jħallsu l-eko-kontribuzzjoni fuq ċerti prodotti) madanakollu ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu fil-liġi li jippremja lil dik il-kumpannija li tmur oltre tali miri; Illi fil-bidu tas-sena 2011, is-soċjetà rikorrenti (jew aħjar, il-kumpannija awtriċi li kienet oriġinalment topera l-iskema GreenPak) intavolat proċeduri ġudizzjarji kontra l-awtorità intimata, inizjalment b'mandat ta' inibizzjoni, u iktar tard permezz ta' kawża (miftuħa fit-18 ta' April 2011 – Rif. Nru. 387/2011 MCH – kawża li għadha pendenti), sabiex fost affarijiet oħra tiġi ssanzjonata talli minflok ma għamlet l-investigazzjonijiet neċessarji u/jew ħadet il-passi opportuni skont il-liġi kontra s-soċjetà Green MT Limited meta din kienet qed topera bla permess fil-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Ġunju 2010,

ħalliet lill-istess soċjetà topera bil-libertà kollha l-iskema ta' rkupru u riċiklaġġ tal-iskart tal-ippakkjar;

Illi ex-admissis, is-soċjetà Green MT Limited ddikjarat illi matul il-perijodu li kienet qed topera bla permess, kienet saħansitra rkuprat 'l fuq minn sitt elef (6,000) tunnellata ta' skart tal-ippakkjar minn wieħed u erbghin (41) kunsilli lokali differenti ġewwa pajjiżna;

Illi biex tkompli titfa' l-melħ fuq il-ferita, l-awtorità intimata ħarġet liċenzja ġdida lissoċjetà Green MT Limited fil-25 ta' Ġunju 2010 inkluż allegatament sabiex tirrapporta dak li kienet għamlet hi b'mod illegali għan-nom tal-membri tagħha f'dak li għandu x'jaqsam waste management tal-iskart tal-ippakkjar matul il-perijodu 1 ta' Jannar 2010 sal-24 ta' Ġunju 2010, fi kliem iehor, sabiex tqis bħala validu u normali dak kollu li għamlet matul perijodu li kienet ħadmet b'mod illegali;

Illi matul il-kors tal-ġbir tal-provi fil-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, sewwasew fix-xhieda li ngħatat viva-voce minn Victor DeBrincat (Segretarju talApproving Body - Eco-Contributions) fis-16 ta' Jannar 2014 (Dok B) u dokumentarja fisseduta tas-17 ta' Frar 2014 (Dok Ċ) u minn Kevin Portelli (Financial Controller tal-Awtorità intimata) fid-9 ta' Jannar 2014 (Dok D), irriżulta b'mod ċar illi bejn is-6 ta' Mejju 2011 u t-28 ta' Ġunju 2012 l-Awtorità intimata u/jew il-Gvern u/jew entitajiet tal-Gvern fosthom l-Approving Body għaddew lis-soċjetà Green MT Limited (C42136) tmien pagamenti li komplessivament jammontaw għall-sitt mija u sebgħin elf euro (€670,000);

Illi kif jirriżulta minn Dok Ċ, senjatament (imma mhux biss) fil-ftehim mhux iffirmat a fol 11 tal-istess dokument bejn Green MT Limited u l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (jew l-Uffiċċju tal-Prim Ministru), dawn il-flus gew mgħoddija lis-soċjetà Green MT Limited in konsiderazzjoni tal-eċċess ta' skart tal-ippakkjar li ġabret l-istess kumpannija fis-sena 2010, inkluż fil-perijodu meta Green MT Limited kienet taħdem mingħajr permess u ċioé bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Ġunju 2010;

Illi jiġi kkarifikat għal kull bwon fini illi mill-paġna numru 12 tad-dokument imsemmi, joħroġ illi s-soċjetà Green MT Limited ġabret erbatax-il elf mija disgħa u għoxrin (14,129) tunnellata ta' skart tal-ippakkjar f'sena sħiħa (u ċioé fl-2010) u li l-kumpens ingħata lilha fuq id-differenza (l-eċċess) bejn din il-figura u l-figura minima li kellha tinġabar (i.e. 8,161 tunnellata), ċioé fuq l-ammont ta' 8,527 tunnellata. Is-soċjetà Green MT Limited ex-admissis (ara pagna 2 tad-dokument imsemmi) ġabret sitt elef mija u disgħin (6,190) tunnellata sal-aħħar ta' Ġunju 2010;

Illi kif diġà ingħad iżjed 'l fuq, ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu fil-liġi li jippremja jew jikkumpensa lil dik il-kumpannija li tmur oltre l-miri ta' ġbir/rkupru ta' skart talippakkjar; Illi l-ftehim mhux iffirmat a fol 11 tal-istess Dok Ċ huwa fil-verità attentat fjakk sabiex aġir illegali li possibilment jikkonsisti anke f'korruzzjoni ta' uffiċjali tal-Gvern u misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, jingħata bixra legali;

Illi madanakollu anke li kieku dan il-ftehim jirrifletti r-realtà, tali ftehim jikkonsisti b'mod ċar u lampanti fi ksur kemm tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi u kif ukoll fi ksur tat-Trattat Dwar Il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi:

● L-għotjiet ingħataw bil-moħbi, f'segretezza assoluta u mingħajr ma ħarget xi sejħa pubblika sabiex l-unika entità oħra fis-suq (ċioé, is-soċjetà rikorrenti) tkun tista' tibbenefika ukoll mill-kumpens li allegatament kellu jingħata għall-ġbir in eċċess talmiri stabbiliti;

● Tali kumpens (u hawnhekk toħroġ ir-raġuni 'l għala ma setgħet qatt issir sejħa pubblika li fiha kienet tkun tista' tipparteċipa ukoll is-socjetà rikorrenti) jikkonsisti ukoll b'mod lampanti f'għajnuna mill-Istat jew riżorsi tal-Istat ("State Aid") ai termini talArtikolu 107 (ġià 87) tat-Trattat Dwar Il-Funzjonament Tal-Unjoni Ewropea u mar direttament kontra l-Artikolu 108(3) (ġià 88(3)) tal-istess trattat billi l-awtorità intimata u/jew il-Gvern u/jew entitajiet tal-Gvern taw dik l-għajnuna lis-soċjetà Green MT Limited mingħajr ma ħadu l-permess relattiv mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea. Skont dan l-artikolu, magħruf bħala l-obbligu ta' waqfien totali ("Standstill Obligation"), "Il-Kummissjoni għandha tiġi informata, fil-ħin biex tissottometti losservazzjonijiet tagħha, dwar kull proġett biex tiġi mogħtija jew biex tiġi modifikata għajnuna". Huwa wara li tingħata din l-informazzjoni biss li l-Kummissjoni tkun tista' tikkunsidra jekk l-għajnuna proposta tkunx kompatibbli mas-suq komuni. L-istess artikolu jistipula ukoll illi l-Istat Membru interessat "ma jistax idaħħal fis-seħħ ilproġetti proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura ikollha deċiżjoni finali"; Illi permezz ta' din l-għajnuna mogħtija lilha, s-soċjetà Green MT Limited li kienet (u possibilment għadha) kważi falluta b'diversi kredituri jiġru warajha u li mit-twaqqif tagħha sal-ġurnata tal-lum baqgħet ma ppreżentatx l-accounts tagħha lill-Awtorità ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA) għajr għall-perijodu li għalaq fil-31 ta' Diċembru 2008, ingħatat nifs ġdid jew aħjar ġiet "bailed out" sabiex b'hekk tkun tista' tkompli topera fis-suq;

Illi dan l-aġir illegali da parti tal-intimati jew min minnhom jagħti d-dritt lis-soċjetà rikorrenti, bħala kompetitriċi diretta u unika fis-suq lokali ta' skemi ta' riċiklaġġ ta' skart tal-ippakkjar ta' Green MT Limited, sabiex tipproċedi b'mod ġudizzjarju sabiex mhux biss tħares l-interessi tagħha iżda ukoll sabiex titlob li l-aġir konsistenti kemm fi ksur tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi u kif ukoll fi ksur tat-Trattat Dwar IlFunzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġi ddikjarat null u bla effett, u l-ammont mogħti lis-soċjetà Green MT Limited jiġi rifuż lura lill-awtoritajiet kompetenti u dan kif inter alia jirrizulta mill-Artiklu 24 fl-avviż maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea magħruf bħala "Commission notice on the enforcement of State aid law by national courts (2009/C 85/01)";

Illi dan it-Tribunal għandu l-kompetenza kollha neċessarja sabiex jagħmel dan billi għandu s-setgħa jistħarreġ u jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt; Illi minkejja li ġew interpellati permezz tal-ittra uffiċjali numru 2434/2014 ippreżentata fl-4 ta' Awwissu 2014 (Dok E) sabiex jirrevedu l-aġir tagħhom u jibdew il-

proċeduri neċessarji sabiex jiġbru l-ammont mogħti minnhom b'mod illegali, l-intimati baqgħu inadempjenti;"
B'hekk is-soċjetà rikorrenti talbet sabiex it-Tribunal:

1. Jiddikjara illi l-ammont ta' sitt mija u sebgħin elf euro (€670,000) mogħti lis-soċjetà Green MT Limited jikkonsisti fi ksur tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi peress li dan l-ammont ingħata bil-moħbi, f'segretezza assoluta u mingħajr ma ħarget xi sejħa pubblika sabiex l-unika entità oħra fis-suq (ċioé, is-soċjetà rikorrenti) tkun tista' tibbenefika ukoll mill-kumpens li allegatament kellu jingħata għall-ġbir in eċċess tal-miri stabbiliti;

2. Jiddikjara illi l-ammont mogħti lis-soċjetà Green MT Limited jikkonsisti f'għajnuna mill-Istat ("State Aid") u ma ttieħed l-ebda permess jew awtorizzazzjoni millKummissjoni Ewropea sabiex tingħata u għaldaqstant l-istess għajnuna ingħatat bi ksur tal-Artikolu 107 (ġià 87) u 108(3) (ġià 88(3)) tat-Trattat Dwar IlFunzjonament Tal-Unjoni Ewropea;

3. Jiddikjara illi l-aġir da parti tal-intimati jew ta' min minnhom konsistenti fl-għotja lis-soċjetà Green MT Limited ta' sitt mija u sebgħin elf euro (€670,000) huwa ultra vires billi l-intimati jew min minhom naqqsu milli josservaw l-ħtigijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-aġir lamentat jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel tali aġir, jew billi l-aġir lamentat jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubbblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew billi l-aġir lamentat jmur mod ieħor kontra l-liġi;

4. Jiddikjara għalhekk illi tali aġir huwa wieħed null, invalidu u/jew bla effett; 5. Jordna illi kull ammont mgħoddi lil Green MT Limited b'riżultat tal-aġir null, invalidu u/jew bla effett u/jew bi vjolazzjoni tat-Trattat Dwar Il-Funzjonament TalUnjoni Ewropea jiġi rifuż lura lill-intimati jew min minnhom."

3. B'risposta tal-24 ta' Settembru, 2014 l-**Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (minn issa 'l quddiem "**il-MEPA**") laqgħet għat-talbiet tal-koperattiva attriċi b'dawn l-eċċezzjonijiet:

"1) Preliminarjament, il-kooperattiva rikorrenti trid tindika liema hu dak l-artikolu talliġi li jvesti lil dan it-Tribunal bis-setgħa li jieħu konjizzjoni ta', u jiddeċiedi, dwar lazzjoni u t-talbiet attriċi. Minn issa stess qed jiġi eċċepit li dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tal-azzjoni u t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

2) Preliminarjament ukoll, u jekk il-kooperattiva rikorrenti tindika għas-sodisfazzjon tat-Tribunal l-artikolu tal-liġi li jvesti lit-Tribunal odjern bil-

kompetenza/ġurisdizzjoni meħtieġa, il-kooperattiva rikorrenti trid tissodisfa lit-Tribunal li hi ressqet l-azzjoni tagħha fiż-żmien prefiss fil-liġi. L-Awtorità esponenti tirriserva minn issa stess li tressaq jekk meħtieġ eċċezzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward.

3) In liena preliminari wkoll u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-kooperattiva rikorrenti trid tressaq prova li hi għandha l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna.

4) Illi mingħajr ebda ħsara għall-premess, u jekk il-kooperattiva rikorrenti twettaq prova tal-interess ġuridiku meħtieġ, senjatament billi ġġib il-prova li hi daħlet fiżżarbun tas-soċjetà Green Dot Malta Limited, l-Awtorità eċċipjenti tagħmel riferenza għall-Artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi testwalment illi "… ItTribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima."

5) Illi jekk għalhekk il-kooperattiva rikorrenti ġġib il-prova li hi daħlet fiż-żarbun tassoċjetà Green Dot Malta Limited, jirriżulta li diġà hemm pendenti proċeduri oħra istitwiti minnha quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u ċioé r-rikors numru 360/14 MCH, permezz ta' liema rikors hi qiegħda titlob li tottjeni l-istess rimedju illi qed tittenta tikseb permezz ta' dawn il-proċeduri, ossia r-rifużjoni tal-ammonti li ġew mgħoddija lill-GreenMT Limited (u dan apparti l-kawża illi għaliha tagħmel riferenza l-istess rikorrenti, ossia dik fl-ismijiet 'Green Dot Malta Limited vs. L-Awtoritá Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar' Rik. Nru. 387/2011 MCH, li ukoll tolqot uħud millaspetti tal-vertenza mertu ta' dawn il-proċeduri). Tant hu hekk li l-azzjoni odjerna hi msejsa fuq ix-xiehda mogħtija f'dik il-kawża, jiġifieri l-eżerċizzju li qed tagħmel irrikorrenti hu dak inaċċettabbli fejn tiġbor il-provi f'kawża, imbagħad abbażi ta' dawk il-provi, tiftaħ proċeduri oħra u tħalli l-proċeduri diversi kollha mexjin flimkien u fl-istess waqt. Is-soċjetà rikorrenti għandha tiddeċiedi liema fost dawn il-proċeduri beħsiebha żżomm fis-seħħ.

6) Illi ukoll mingħajr ħsara għall-premess, l-Awtorità esponenti m'hijiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet tal-kooperattiva rikorrenti; il-fatt li ġiet inkluża 'għal kull interess li jista' jkollha' jikkonferma dan, b'żieda mal-fatt li m'għandha assolutament l-ebda interess ġuridiku f'din il-vertenza. L-istess Awtorità ma hijiex lentità illi għandha u/jew tista' twieġeb għall-allegazzjonijiet/talbiet avvanżati missoċjetà rikorrenti, li del resto jirriżultaw ukoll fattwalment skorretti.

7) Di fatti l-provi prodotti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża illi għaliha tagħmel riferenza s-soċjetà rikorrenti, ossia dik fl-ismijiet 'Green Dot Malta Limited vs L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar' (Rik. Nru. 387/2011) joffru l-aqwa konferma illi l-Awtorità esponenti ma kellha assolutament l-ebda involviment filftehim illi qed jiġi allegat illi sar bejn is-soċjetà Green MT Limited u l-Ministeru għarRiżorsi u l-Affarijiet Rurali.

8) L-Awtorità esponenti ma daħlet f'ebda arranġament bil-moħbi ma' Green MT rigwardanti l-allegati pagamenti msemmija mir-rikorrenti, anzi u jekk xejn, il-provi prodotti fil-imsemmija kawża jikkonfermaw illi l-MEPA kienet l-istess Awtorità li (i) ħadet passi dixxipplinarji kontra s-soċjetà Green MT bl-imposizzjoni ta' multa għallperijodu illi fih l-istess soċjetà kienet qed topera mingħajr permess; u (ii) għall-finijiet tar-regolamenti imposti fl-Avviż Legali 277 tal-2006 rrifjutat milli tkompli tipproċessa u tikkunsidra kwalsiasi informazzjoni li tirrigwarda l-irkupru u/jew riċiklaġġ tal-iskart tal-ippakkjar li kien qiegħed isir mill-istess Green MT; u dan salperijodu illi fih l-istess soċjetà rregolarizzat il-pożizzjoni tagħha.

9) Illi kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjetà rikorrenti stess filkawża surriferita, fil-5 ta' Mejju 2011 ġie approvat it-twaqqif ta' Environmental Fund li kellu jiġi amministrat mill-Eco Contribution Approving Body (ECAB), li hija entità għal kollox distinta u separata mill-Awtorità esponenti. Dan hu korp regolat b'liġi.

10) Illi l-pagamenti kollha li saru lil Green MT ħarġu minn dan il-fond skont iddirezzjonijiet li kien jagħti l-Eco Contribution Approving Body (ECAB), li kellu l-awtorità assoluta fuq dan il-fond, ad esklużjoni tal-MEPA. Dan l-approving body hu mwaqqaf taħt il-Kap 473 tal-Liġijiet ta' Malta (A.L. 84/2010), liema liġi lanqas hi dik li tirregola lill-MEPA (Kap 504), u l-MEPA hi għal kollox awtonoma u distinta millistess korp.

11) L-Awtorità esponenti lanqas biss kienet parti fid-dokument (mhux iffirmat) illi għalih tagħmel riferenza s-soċjetà rikorrenti. Għaldaqstant jirriżulta biċ-ċar illi l-Awtorità ma għamlet assolutament xejn minn dak allegat mill-istess rikorrenti; u hu evidenti li l-istess Awtorità ma tistax twieġeb għal dak li allegatament seta' għamel ħaddieħor. 12) Illi l-azzjoni odjerna kellha tittieħed kontra min hu tassew il-leġittimu kontradittur għall-istess, u ċertament mhux kontra l-Awtorità, li la qatt tat xi forma ta' state aid, la qatt ma aġixxiet bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, u tanto meno ma hija responsabbli għal xi aġir ultra vires. 13) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."

4. B'risposta tat-2 ta' Ottubru, 2014 l-**Onorevoli Prim Ministru ta' Malta** (minn issa 'l quddiem **"il-Prim Ministru**") laqa' għat-talbiet attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet:

"i. Illi r-rikorrenti għandhom iġibu prova li dan it-Tribunal għandu l-kompetenza u li huwa vestit bil-ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi dwar il-mertu tal-każ kif imressaq minnhom fil-proċeduri odjerni;
ii. Ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tal-interess ġuridiku tagħhom fil-kawża odjerna;

iii. Ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tar-relazzjoni ġuridika tagħhom ma' Green Dot Malta Limited (C 0 33694), liema kumpannija diġà ntavolat

proċeduri Rik. Nru. 360/14MCH quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Green Dot Malta Limited vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar' fejn qed jintalab l-istess rimedju mfittex mir-rikorrenti fil-proċeduri senjatament ir-rifużjoni tal-flus li ngħataw lil Green MT Limited. Jekk tiġi pruvata din il-konnessjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u Green Dot Malta Limited, l-esponent jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u dan a tenur tal-Art 7 tal-Kap 490 li jeskludi lkompetenza tat-Tribunal li jiddeċiedi tilwimiet li konjizzjoni tagħhom tkun diġà qed tittieħed minn Qorti oħra. Fil-kuntest ta' din l-eċċezzjoni l-esponent jagħmel referenza wkoll għall-proċeduri Rik. Nru. 387/2011 'Green Dot Malta Limited vs L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar' li ukoll jimpinġu fuq uħud millaspetti tal-mertu tal-proċeduri odjerni.

iv. Illi fid-dawl tal-eċċezzjoni preċedenti l-esponent jeċċepixxi l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju da parti tar-rikorrenti in kwantu fir-rigward tal-istess allegazzjonijiet ġew intavolati diversi proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qrati b'dan li huwa għalhekk evidenti t-tentattiv ta' forum shopping;

v. Illi in vista tal-mertu tal-każ odjern u in vista tad-diversi bidliet li saru fid-dekasteri tal-Gvern l-esponent jitlob li jiġi kjamat in kawża s-Segretarju Permanenti in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil filKlima għal kull interess li jista' jkollu fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri;

vi. Illi in kwantu l-mertu tal-każ odjern, partikolarment il-ħames talba tar-rikorrenti, jimpinġi direttament fuq id-drittijiet ta' terzi, senjatament ta' Green MT Limited, ir-rikorrenti huma obbligati li jsejħu lill-istess Green MT Limited (C – 42136) filkawża odjerna.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-amministrazzjoni pubblika aġixxiet skont u fil-parametri tal-liġi u ma wettqet ebda illegalità jew ksur ta' dispożizzjonijiet ta' xi liġi u lanqas ma aġixxiet ultra vires kif qed jiġi allegat mir-rikorrenti u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi l-esponent jiċħad ukoll li sar ksur tal-obbligi dwar l-iState Aid a tenur tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt ittrattazzjoni tal-kawża. Illi l-amministrazzjoni pubblika osservat il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji u f'ebda ħin ma abbużat mis-setgħat tagħha fil-kors tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."

5. B'digriet tas-6 ta' Marzu, 2015 it-Tribunal sejjaħ fil-kawża lis-**Segretarju Permanenti in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima** (minn issa 'l quddiem "is-**Segretarju Permanenti")** li b'risposta tat-23 ta' Mejju, 2015 laqa' għat-talbiet attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet:-

i. Illi r-rikorrenti għandhom iġibu prova li dan it-Tribunal għandu l-kompetenza u li huwa vestit bil-ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi dwar il-mertu tal-każ kif imressaq minnhom fil-proċeduri odjerni ;
ii. Ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tal-interess ġuridiku tagħhom fil-kawża odjerna ;
iii. Ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tar-relazzjoni ġuridika tagħhom ma' Green Dot Malta Limited (C 33694), liema kumpanija diġà ntavolat proċeduri Rik Nru 360/14MCH quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Green Dot Malta Limited vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar' fejn qed jintalab listess rimedju mfittex mir-rikorrenti fil-proċeduri senjatament ir-rifużjoni tal-flus li ngħataw lil Green MT Limited. Jekk tiġi pruvata din il-konnessjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u Green Dot Malta Limited, l-esponent jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u dan a tenur tal-Art 7 tal-Kap 490 li jeskludi lkompetenza tat-Tribunal li jiddeċiedi tilwimiet li konjizzjoni tagħhom tkun diġà qed tittieħed minn Qorti oħra. Fil-kuntest ta' din l-eċċezzjoni l-esponent jagħmel referenza wkoll għall-proċeduri Rik. Nru. 387/2011 'Green Dot Malta Limited vs L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar' li ukoll jimpinġu fuq uħud millaspetti tal-mertu tal-proċeduri odjerni.
iv.
Illi fid-dawl tal-eċċezzjoni preċedenti l-esponent jeċċepixxi l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju da parti tar-rikorrenti in kwantu fir-rigward tal-istess allegazzjonijiet ġew intavolati diversi proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qrati b'dan li huwa għalhekk evidenti t-tentattiv ta' forum shopping;

v. Illi in kwantu l-mertu tal-każ odjern, partikolarment il-ħames talba tar-rikorrenti, jimpinġi direttament fuq id-drittijiet ta' terzi, senjatament ta' Green MT Limited, ir-rikorrenti huma obbligati li jsejħu lill-istess Green MT Limited (C 42136) filkawża odjerna. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-amministrazzjoni pubblika aġixxiet skont u fil-parametri tal-liġi u ma wettqet ebda illegalità jew ksur ta' dispożizzjonijiet ta' xi liġi u lanqas ma aġixxiet ultra vires kif qed jiġi allegat mir-rikorrenti u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Illi l-esponent jiċħad ukoll li sar ksur tal-obbligi dwar l-iState Aid a tenur tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt ittrattazzjoni tal-kawża Illi l-amministrazzjoni pubblika osservat il-ħtiġijiet

> proċedurali mandatorji u f'ebda ħin ma abbużat mis-setgħat tagħha fil-kors tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha tagħhom.
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."

6. B'digriet tal-10 ta' Mejju, 2016 it-Tribunal iddikjara li:

> "...peress li l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal jirriżulta illi hija ġustifikata, it-Tribunal qiegħed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tal-kjamat in kawża u jordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom."

7. L-Ewwel Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ quddiemha għat-28 ta' Ġunju, 2016. Fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2016 il-koperattiva attriċi ċediet l-ewwel u t-tieni talba attriċi.

8. Fit-30 ta' April 2017 il-MEPA u fit-18 ta' April 2017 l-Onor. Prim Ministru u l-kjamat fil-kawża s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, ippreżentaw risposti maħlufa fejn eċċepew illi l-azzjoni attriċi hi perenta ai termini tas-subinċiż 3 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-MEPA eċċepiet ukoll illi l-att promotur huwa null għaliex nieqes mill-formalitajiet meħtieġa *ad validitatem* stipulati f'Artikolu 156 tal-Kapitolu 12.

9. B'digriet tat-2 ta' Frar 2018 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-koperattiva attriċi sabiex l-atti tal-kawża jiġu mibdula b'mod li minflok l-Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jinqraw "l-Awtoritá għall-Ambjent u r-Riżorsi" (minn issa 'l quddiem "l-Awtoritá konvenuta").

10. **B’sentenza tat-12 ta’ Ġunju, 2020** l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni u l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-Awtoritá konvenuta, iddikjarat l-azzjoni attriċi perenta ai termini tas-subartikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra u caħdet it-talbiet attriċi.

11. Il-konsiderazzjonijiet li waslu lill-Ewwel Qorti għas-sentenza imsemmija huma s-segwenti:

> *“Minn eżami ta’ kif ġew intavolati l-proċeduri odjerni mill-koperattiva rikorrenti, jiġifieri kontra min ġew intavolati u liema huma t-talbiet tagħha kif appena ċitati, jirriżulta li hija mexxiet kontra diversi awtoritajiet pubbliċi in kontestazzjoni ta’ deċiżjoni ta’ ħlas lil terzi, senjatament Green MT, stante li tali deċiżjoni, ossia aġir, huwa wieħed li qiegħda tallega huwa null, invalidu u/jew bla effett.*
>
> *Mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, joħroġ ċar li din il-Qorti għandha s-setgħa sabiex tistħarreg dik id-deċiżjoni, ġaladarba issa t-Tribunal iddikjara ruħu inkompetenti u m’hemmx appell mid-deċiżjoni tiegħu.*
>
> *Fl-ewwel lok din il-Qorti tikkunsidra li l-koperattiva rikorrenti għażlet li tħarrek dawk il-partijiet li għandhom jitqiesu bħala awtoritajiet pubbliċi ai termini tad- definizzjoni ta’ “awtorità pubblika” mogħtija permezz tas-subartikolu 469A(2) tal-Kap. 12. Issa hawnhekk il-koperattiva rikorrenti qiegħda tikkontendi li lammont imħallas lil terzi minn dawn l-awtoritajiet jew min minnhom, jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat li għaliha ma kien ingħata l-ebda permess jew awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea skont it-Trattat Dwar ilFunzjonament tal-Unjoni Ewropeja. Għalhekk din il-Qorti tqis li għall-kuntrarju ta’ dak li qiegħda ssostni fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha, l-ilment talKoperattiva rikorrenti jinkwadra ruħu sew f’dak li jiddisponu għalih is-subinċiżi (i) sa (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu 469A(3) tal-Kap. 12, li jistabbilixxu lparametri tal-kompetenza tagħha fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju ta’ azzjonijiet ta’ natura amministrattiva. Jiġi osservat li l-koperattiva rikorrenti saħansitra għarfet in-natura tal-vertenza odjerna meta fir-rikors promotur stqarret li t-Tribunal kellu jiddeċiedi dwar it-talba tagħha għaliex “...għandu lkompetenza kollha neċessarja sabiex jagħmel dan billi għandu s-setgħa jistħarreġ u jirrevedi atti aministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq*

*punti ta' liġi u ta' fatt". Jiġi osservat ukoll li t-talba magħmula mill-koperattiva rikorrenti għal dikjarazzjoni ta' nullità u invalidità u/jew l-ineffettività taddeċiżjoni, hija proprju dak li wara kollox il-Qorti hija awtorizzata li tagħmel taħt l-artikolu 469 tal-Kap. 12 fl-eventwalità li ssib li t-talba tal-koperattiva rikorrenti hija ġustifikata.*

*Dwar il-kwistjoni ta' meta beda jiddekorri t-terminu perentorju impost missubartikolu 469A(3) tal-Kap. 12, jirriżulta mir-rikors promotur stess li lkoperattiva rikorrenti saret taf bil-ħlas li sar lil Green MT, liema ħlas qiegħda tallega jikkonsisti f'Għajnuna mill-Istat u huwa propju l-qofol tal-vertenza odjerna, waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2014, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fil-proċeduri tar-rikors numru 387/2011MCH fl-ismijiet Green Dot Malta Ltd vs. Malta Environment and Planning Authority, minn dak li xehed Kevin Portelli, Financial Controller tal-Awtorità intimata, u għal darb'oħra waqt l-udjenza sussegwenti tas-16 ta' Jannar, 2014, mix-xhieda ta' Victor DeBrincat, Segretarju tal-Eco Contribution Approving Body u middokumentazzjoni esebita minnu waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar, 2014. Fl-affidavit tiegħu, il-CEO tal-koperattiva rikorrenti, Mario Schembri, kkonferma li kien proprju permezz tal-proċeduri msemmija li hija saret taf bil-fond minn fejn saru l-pagamenti lil Green MT: "19. L-hekk imsejjaħ Environment Fund aħna qatt ma konna nafu bih (fil-fatt sirna nafu bih meta xehed Victor DeBrincat f'kawża oħra fl-2014) ...". Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-koperattiva rikorrenti stess li hija kienet saret taf bil-pagamenti fis-16 ta' Jannar, 2014, din il-Qorti tqis li meta l-koperattiva rikorrenti intavolat il-proċeduri odjerni fit-3 ta' Settembru, 2014, l-azzjoni tagħha kienet diġà perenta sa mis-16 ta' Ġunju, 2014.*

*Issa kif sewwa josservaw l-intimati, il-koperattiva rikorrenti stess aċċettat li kien għadda t-terminu perentorju ta' sitt xhur u dan jingħad fid-dawl tal-verbal magħmul waqt is-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2016, fejn kienet saret dikjarazzjoni mill-partijiet kollha li l-azzjoni odjerna hija perenta taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ġiet intavolata wara t-terminu ta' sitt xhur kontemplata f'dik il-liġi. Dakinhar il-koperattiva rikorrenti ttentat issib mod li taħrab mill-effetti tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 469A(3), billi tpoġġi rresponsabbilità fuq it-Tribunal li astjena milli jieħu konjizzjoni tat-talbiet tagħha minħabba nuqqas ta' kompetenza u bagħat l-atti quddiem din il-Qorti sabiex il- Rikors Maħluf Numru: 69/2014 LM Qrati tal-Ġustizzja Paġna 24 minn 24 kawża tkompli quddiemha. Iżda m'hemmx għalfejn jingħad, it-Tribunal ma jistax jaħti għal dan, u kwalunkwe nuqqas huwa attribwibbli biss lill-koperattiva rikorrenti, li filwaqt li ħasbet sabiex tressaq ilment quddiem l-iState Aid Monitoring Board, ma ħadet l-ebda passi quddiem dawn il-Qrati. Għandu jiġi osservat li anki quddiem it-Tribunal, il-koperattiva rikorrenti kienet ġiet rinfaċċjata b'eċċezzjoni simili ta' perentorjetà tal-azzjoni tagħha."*

12. Fit-30 ta' Ġunju, 2020 il-Koperattiva attriċi ppreżentat rikors li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, appellat mill-imsemmija sentenza.

13. L-Onorevoli Prim Ministru u l-konvenut Segretarju Permanenti ppreżentaw risposta tal-appell fit-22 ta' Lulju, 2020 filwaqt li l-Awtoritá konvenuta ppreżentat risposta fl-24 ta' Lulju, 2020, li permezz tagħhom, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għall-appell.

14. L-appell ġie appuntat għas-smigħ għall-5 ta' Diċembru, 2023 f'liema seduta l-appell gie differit għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

15. L-appell tal-koperattiva appellanti huwa deskritt minnha bħala aggravju wieħed b'diversi friegħi. Tibda billi tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-konsiderandi li wassluha għad-deċiżjoni tagħha. Dan għaliex skont l-appellanti meta ġiet intavolta l-kawża odjerna quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva lura fit-3 ta' Settembru, 2014 il-kawża ma saritx ai termini tal-Artikolu 469A iżda ai termini tal-liġi speċjali senjatament artikoli 5 u 7 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Tirribadixxi illi bl-azzjoni tagħha hija qed tattakka att amministrattiv li joħloq preġudizzju enormi lilha bħala l-kompetitur uniku tal-Green MT Limited u dan peress illi l-awtoritajiet responsabbli ma mxewx skont l-appellanti mad-disposizzjonijiet tal-liġi Ewropea fuq il-materja.

17. Tgħid illi meta l-koperattiva appellanti saret taf fis-sena 2014 bl-atti amministrattivi li jammontaw għal Għajnuna mill-Istat, hija kellha għażla bejn żewġ azzjonijiet, waħda taħt Artikolu 469A tal-Kap. 12 u oħra ai termini tal-Kap. 490. Tgħid illi meta ġiet sabiex tistitwixxi l-kawża odjerna l-Kap. 490 kif introdott permezz tal-Att V tal-2007 ma kien jitkellem fuq l-ebda terminu preskrittiv u għalhekk tqis illi f'dak il-mument l-azzjoni li hija intavolat quddiem it-Tribunal ma kenitx milquta b'waħda mill-preskrizzjonijiet qosra iżda bil-preskrizzjoni ta' tletin sena ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Tisħaq il-koperattiva appellanti illi jekk fiż-żmien meta ġiet intavolata l-kawża quddiem it-Tribunal fis-sena 2014 il-liġi ma kienet tgħid xejn dwar l-applikabilitá tal-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur, ma jistax jitqies illi kawża miftuħa ai termini tal-Kap. 490 titqies perenta taħt Artikolu 469A tal-Kap. 12.

18. Tibqa' tinsisti l-koperattiva appellanti illi t-Tribunal kien tribunal kompetenti li jisma' l-kawża minnha esperita u għalhekk bil-fatt li l-kawża ġiet trasferita quddiem il-Prim'Awla ma għandu jbiddel xejn f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli.

19. Mod ieħor, l-appellanti ssostni illi ladarba tqis illi l-kawża kienet ġiet intavolata tajjeb quddiem it-Tribunal, una volta l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bdiet tisma' l-istess kawża allura kellha tħaddem, tisma' u tiddeċiedi l-kawża b'referenza għad-disposiżżjonijiet tal-Kap. 490 u mhux b'referenza u b'applikazzjoni tal-Art. 469A tal-Kap. 12. Temfasizza illi ġialadarba hija inkwadrat l-azzjoni tagħha taħt il-kappa ta' "punt ta' liġi" taħt Artikolu 7 tal-Kap. 490, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issejjes is-sentenza appellata fuq Artikolu 469A iżda fuq il-Kap. 490.

20. Issostni l-appellanti illi "fil-mument tal-ftuħ ta' din il-kawża, r-rikorrenti ma kellha **l-ebda rimedju iehor** hlief li tirrikorri għal dan it-Tribunal, u dan mhux biss ghaliex l-att amministrattiv in kwistjoni kien gie a konoxxenza taghha izjed minn sitt (6) xhur qabel, izda ukoll ghaliex fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal ghandu hafna izjed ghodda u flessibilità li jaghti rimedji xieraq u f'waqtu milli ghandha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili apparti l-kwistjoni tar-ragjonevolezza tal-ispejjez konnessi."

21. Il-koperattiva appellanti ssemmi illi kien biss bl-Att IV tal-2016 illi ġie introdott terminu perentorju ta' sitt xhur fl-azzjonijiet taħt il-Kap. 490. Għalhekk tisħaq l-appellanti illi "ma tistax tigi ppregudikata minhabba terminu li kien inezistenti fi zmien meta nfethet il-kawza u li imbaghad, ghax il-legislatur induna bid-diffikultajiet li kienet qieghda tohloq il-ligi

ezistenti qabel l-emendi tal-2016, jispicca b'kawza, altrimenti in regola mal-ligi, improcessabbli fuq punt preliminari."

22. Il-koperattiva appellanti tkompli bl-aggravji tagħha billi tgħid illi l-kawża ġiet trasferita mit-Tribunal quddiem il-Prim'Awla in forza ta' Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 wara emenda fil-liġi fil-mori ta' din il-kawża wara li t-Tribunal ta digriet kamerali li ma hux appellabbli. Tgħid l-appellanti li għalhekk "kellha tabilfors tbaxxi rasha ghad-decizjoni tar-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u tipprocedi skont l-istruzzjonijiet mogħtija, cioè li tkompli bil-kawza quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili." Tirreferi għall-verbal tal-ewwel seduta quddiem il-Prim'Awla fejn il-koperattiva appellanti ddikjarat illi "din il-kawza ma gietx intavolata taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi l-ewwel parti ta' dan il-verbal tapplika f'dawn ic-cirkostanzi partikolari fejn is-socjeta attrici giet sforzata tkompli bil-kawza taghha quddiem din l-Onorabbli Qorti taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Lipijiet ta' Malta". F'dak il-verbal tniżżel ukoll li l-partijiet kienu qed jaqblu li l-azzjoni attriċi hija perenta taħt Artikolu 469A wara l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur.

23. Fir-risposta tagħhom l-Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti jissottomettu preliminarjament illi d-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell għandhom jiġu sfilzati peress li huma dokumenti li setgħu tressqu waqt is-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti. Jissottomettu illi l-appell

huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għaliex is-sentenza appellata ma ddeċiditx jekk l-appellanti kellhiex tistitwixxi l-kawza quddiem it-Tribunal ai termini tal-Kap. 490. Dak huwa mertu tad-digriet tat-Tribunal mogħti fl-10 ta' Mejju 2016 li ma hux il-mertu tas-sentenza appalleta. Jgħidu illi l-argument tal-appellanti illi l-azzjoni attriċi ma kenitx kolpita b'terminu ta' dekadenza kien japplika kieku l-kawża baqgħet quddiem it-Tribunal. Isostnu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal li ma kienx kompetenti jisma' l-mertu tal-kawża odjerna kienet deċiżjoni tajba għaliex ma kellux is-setgħa bil-liġi li jistħarreġ l-ilmenti tal-koperattiva appellanti.

24. Fir-risposta tagħha l-Awtoritá appellata wkoll titlob li għandhom jiġu sfilzati d-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell. Tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 għaliex dak mitlub jaqa' fil-mansjoni tal-Prim'Awla taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Tgħid illi r-raġuni li l-koperattiva marret quddiem it-Tribunal u mhux quddiem il-Prim'Awla kien għaliex l-azzjoni taħt Artikolu 469A kienet diġà perenta. Tgħid l-Awtoritá appellata illi l-koperattiva appellanti qatt ma kellha l-għażla li tagħżel f'liema forum jaqblilha l-iżjed tiftaħ il-kawża għaliex l-iskrutinju minnha mitlub minn dejjem kien regolat bl-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Sfilz ta' Dokument.**

25. L-appellati talbu sabiex il-Qorti tordna l-isfilz tal-provi dokumentarji annessi mar-rikors tal-appell. Dawn jikkonsistu f'Dok GP3 a fol. 633 sa 635 konsistenti f'kopja ta' skambju ta' emails. Il-bqija tad-dokumenti huma kopja ta' liġijiet li għalihom issir referenza fir-rikors tal-appell. In tema legali appena huwa neċessarju jiġi sottolineat illi l-funzjoni ta' din il-Qorti hija waħda ta' reviżjoni ta' dak li seħħ fil-Prim'Istanza u għalhekk m'għandux ikun, jekk mhux għal raġunijiet serji, li jitressqu provi ġodda fi stadju ta' appell. Huwa dmir ta' kull parti li tressaq il-provi kollha rilevanti fl-istadju tal-Prim'Istanza. Provi ġodda fl-istadju tal-appell ma għandhomx jitħallew jitressqu sakemm ma jintweriex illi tali prova ma kienx possibbli titressaq quddiem l-Ewwel Qorti (**Emanuel Zammit v. Charles Polidano** - Appell Superjuri - 31 ta' Jannar, 2014). Kif inżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **David Theuma et. v. Giuseppi Spiteri** tas-26 ta' Ottubru, 2022:

> "… huwa ormai paċifiku illi l-interpretazzjoni akkordata lill-Art. 145 tal-Kap.12 hija waħda ristretta, fis-sens li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell għandhom jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza."

**26. Għaldaqstant tilqa' t-talba tal-appellati u tordna l-isfilz tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell limitatament dawk li jinsabu minn fol. 633 sa fol. 635.**

27. Dwar il-mertu tal-appell, din il-Qorti tibda billi tiddikjara illi d-deċiżjoni li kienet il-Prim'Awla kompetenti li tisma' l-kawża odjerna u mhux it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiv ma kenitx deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata iżda deċiżjoni li ttieħdet mit-Tribunal b'digriet kamerali mogħti fl-10 ta' Mejju, 2016. Dwar liema awtoritá ġudizzjarja hija kompetenti tisma' l-kawża odjerna ma hemm xejn fis-sentenza appellata proprju għaliex ma kienx mertu ta' dik is-sentenza. Dak deċiż permezz tas-sentenza appellata kien esklussivament l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li l-azzjoni attriċi kienet perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12. Għalkemm il-koperattiva appellanti għadha ssostni fl-ewwel lok illi l-azzjoni minnha promossa kienet u baqgħet azzjoni taħt il-Kap. 490 u mhux azzjoni taħt Art. 469A tal-Kap. 12 u fit-tieni lok li t-Tribunal kien l-awtoritá ġudizzjarja kompetenti li tisma' l-kawża tagħha msejsa fuq il-Kap. 490 u mhux il-Prim'Awla, dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi quddiem l-Ewwel Qorti ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni x'tiġi deċiża dwar il-kompentenza o meno tal-Prim'Awla u wisq anqas deċiżjoni dwar eċċezzjoni simili.

28. Il-koperattiva appellanti tgħid illi peress li mid-digriet tat-Tribunal li bagħat l-atti quddiem il-Prim'Awla ma hemmx appell, hija ma setgħat tagħmel xejn u kellha tabilfors tissokkombi għal dak id-digriet.

29. Qabel xejn din il-Qorti tqis li huwa utli li tagħmel xi osservazzjonijiet dwar kif tmexxew il-proċeduri quddiem it-Tribunal. Mill-verbal tas-seduta miżmuma mit-Tribunal fit-28 ta' April, 2015 jirriżulta illi "Il-partijiet jaqblu li ghandhom jigu nvestiti l-ewwel u qabel kollox l-ewwel eċċezzjoni tal-Onorevoli Prim' Ministru u

s-Segretarju intimat u tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u kif ukoll it-tieni eccezzjoni tal-istess Awtorita` intimata". Permezz ta' dawk l-eċċezzjonijiet il-konvenuti kkontestaw il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. Il-koperattiva attriċi ma qablitx ma' dawk l-eċċezzjonijiet u għalhekk it-Tribunal ħalla s-smigħ għat-2 ta' Ġunju, 2015 "ghal provi u trattazzjoni dwar l-istess eccezzjonijiet". Inżammu diversi seduti li fihom tressqu l-provi limitatament dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari sakemm fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2015 it-Tribunal ħalla l-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminary. Ġara iżda illi meta l-kawża ssejħet fl-10 ta' Mejju, 2016, it-Tribunal, minflok ma ppronunzja sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet, informa lill-partijiet illi aktar qabel l-istess Tribunal kien ta digriet kamerali li permezz tiegħu, in vista tal-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att IV tal-2016, senjatament il-proviso ta' artikolu 741 (b) tal-Kap. 12, irrevoka d-digriet li permezz tiegħu kien ħalla l-kawża għas-sentenza u minflok ta digriet kamerali qabel issejħet il-kawża li permezz tiegħu ġiet akkolta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dak it-Tribunal li ordna l-atti jiġu trasferiti lill-Prim'Awla.

30. Tajjeb jiġi puntwalizzat illi strettament ma kien hemm xejn xi jżomm lit-Tribunal milli jagħti sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-inkompetenza. L-emendi introdotti bl-Att IV tal-2016 ma kienu tal-ebda impediment sabiex tingħata sentenza dwar il-kompetenza tat-Tribunal u mhux digriet kamerali.

31. Jiġi wkoll osservat illi ladarba l-koperattiva appellanti kienet u għadha ssostni li l-azzjoni tagħha hija msejsa taħt il-Kap. 490 u li l-qorti kompetenti huwa t-Tribunal, ma kienx ikun barra minn loku li fl-ewwel seduta quddiem l-

Ewwel Qorti tagħmel il-każ tagħha li l-azzjoni tagħha kienet imsejsa fuq il-Kap. 490, li l-kompetenza kienet tispetta lit-Tribunal u mhux lill-Prim'Awla u titlob referenza lill-Qorti tal-Appell ai termini tal-proviso ta' **Artikolu 741 (b) tal-Kap. 12,** li jipprovdi illi meta jseħħ trasferiment tal-atti minn awtoritá ġudizzjarja għal awtoritá ġudizzjarja oħra bis-saħħa ta' Artikolu 741:

> "… jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiediliema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdukonjizzjoni tal-kawża."

32. L-ewwel smigħ quddiem l-Ewwel Qorti nżamm fit-28 ta' Ġunju, 2016[1]. Skont il-verbal ta' dik is-seduta, minflok ma l-koperattiva appellanti ttentat titlob li l-kwistjoni tal-kompetenza tiġi riferuta lill-Qorti tal-Appell sabiex l-atti jerġgħu jintbagħtu lit-Tribunal, ivverbalizzat illi kienet ġiet sfurzata li tkompli bil-kawża taħt Artikolu 469A tal-Kap. 12 u talbet żmien sabiex tirregola ruħha dwar il-possibilitá li tintavola kawża kostituzzjonali. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2016 il-koperattiva appellanti reġgħat talbet aktar żmien sabiex tirregola ruħha sakemm fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2016 ċediet l-ewwel u t-tieni talba attriċi.

33. Din il-Qorti tqis illi l-aggravji tal-appellanti safejn jitolbu lil din il-Qorti tiddelibera dwar jekk it-Tribunal kienx kompetenti li jisma' l-kawża odjerna huma aggravji fiergħa għaliex il-vertenza dwar jekk it-Tribunal kienx kompetenti ma

[1] Ara verbal a fol. 211

ġietx deċiża mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Il-kapitolu dwar id-deċiżjoni tat-Tribunal li jiddikjara ruħu inkompetenti *rationae materiae* ngħalaq una volta għaddiet l-ewwel udjenza quddiem l-Ewwel Qorti mingħajr ma l-koperattiva appellanti kkontestat il-kompetenza tal-Prim'Awla.

34. Aspett ieħor tal-aggravju tal-koperattiva appellanti huwa illi ġialadarba hija istitwit kawża ai termini tal-Kap. 490 quddiem it-Tribunal, il-Prim'Awla ma kellhiex titratta l-kawża kif għamlet taħt Artikolu 469A tal-Kap. 12 iżda kellha titratta l-kawża taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 490 li fil-jum li fih ġiet intavolata l-kawża odjerna quddiem it-Tribunal, ma kienx jipprovdi terminu ta' dekadenza għall-azzjonijiet istitwiti bis-saħħa tiegħu.

35. Din il-Qorti tqis dan l-aggravju manifestament infondat.

36. Meta tagħsar l-aggravju tal-appellanti, tinsorġi d-domanda jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhiex il-kompetenza illi f'kawżi fejn qed tistħarreġ għemil amministrattiv tistax tapplika l-provvedimenti ta' Kap. 490 minflok dak dispost fl-Art. 469A tal-Kap. 12.

37. Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sottomissjoni tal-koperattiva appellanti li l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 490 u mhux tal-Artikolu 469A hija sottomissjoni anti-ġuridika għaliex ma ssibx sostenn fl-ebda provvediment legali.

38. Il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza ta' awtoritajiet ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji hija materja ta' ordni pubbliku. Il-provvedimenti legali li jirregolaw l-istitut tal-ġurisdizzjoni tal-qrati u tribunali huma di stretta interpretazzjoni fejn l-applikazzjoni tagħhom hija spiss deskritta bl-aġġettiv pikkanti "ad unguem". L-interpretazzjoni b'analoġija jew bl-ekwipollenza ma ssibx spazju fir-regolamentazzjoni tal-poteri ġudizzjarji. Turija ta' kemm il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza *rationae materiea* tal-awtoritajiet ġudizzjarji huma fundamentali għall-amministrzzjoni tal-ġustizzja, meta ma tingħatax l-eċċezzjoni ta' inkompetenza l-Qorti ta' Prim'Istanza **għandha** *ex officio* tiddikjara l-inkompetenza tagħha meta *inter alia* l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti; jew meta, minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-qorti (**Art. 774 Kap. 12**).

39. Rilevanti wkoll illi meta żewġ qrati jew iżjed jiddikjaraw ruħhom rispettivament inkompetenti biex jieħdu konjizzjoni ta' kawża partikolari, li, b'dan kollu, tkun ta' kompetenza ta' waħda minn dawk il-qrati, imiss lill-Qorti tal-Appell li tiddeċiedi liema waħda minn dawk il-qrati hija l-qorti kompetenti, ukoll jekk ma jkunx sar appell, fil-forma ordinarja, mid-deċiżjonijiet tal-akkoljiment tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza (**Art. 775 Kap. 12**)

40. **Kap. 490** waqqaf it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva bil-poter li jirrivedi atti amministrattivi b'dan illi ma għandux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti mill-Prim'Awla skont artikolu 469A tal-

Kap. 12. (**Art. 5 Kap. 490**). It-Tribunal għandu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika sew fuq punti ta' liġi kif ukoll ta' fatt. Mill-banda l-oħra il-Prim'Awla għandha kompetenza li tistħarreġ il-validità ta' għemil amministrattiv jew li tiddikjara dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet segwenti biss:

(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) meta l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:

(i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; jew

(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi (**Art. 469A Kap. 12**).

41. Huwa aktar milli evidenti li l-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tistħarreġ il-validità ta' għemil amministrattiv ma tista' qatt tiġi kkunsidrata li hija naxxenti wkoll mill-Kap. 490 apparti mill-Art. 469A tal-Kap. 12. Una volta l-kawża spiċċat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li aċċettat li għandha l-kompetenza li tisma' l-kawża odjerna, l-azzjoni attriċi ma setgħatx, kif trid l-appellanti, tiġi trattata u deċiża b'applikazzjoni tal-Kap. 490 il-

provvedimenti ta' liema huma ta' ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal. Il-fatt li dawn il-proċeduri jafu l-bidu tagħhom f'azzjoni quddiem it-Tribunal ma għandu l-ebda rilevanza. Il-koperattiva appellanti tiddikjara *ex admissis* illi meta ġiet sabiex tipproċedi ġudizzjarment kienet konxja illi l-azzjoni disponibbli taħt Artikolu 469A kienet ġia perenta.[2] Kien għalhekk li argumentat li f'dak il-mument ma kellhiex għażla oħra ħlief li tinizzja proċedura ġudizzjarja quddiem it-Tribunal fejn ma prospettatx problema ta' dekadenza.

42. F'azzjoni fejn quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qed jiġi attakkat għemil amministrattiv , il-Qorti hija marbuta li tapplika dak li jipprovdi Artikolu 469A tal-Kap. 12 u mhux il-Kap. 490 inkluż it-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur.

43. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-azzjoni attriċi tinkwadra sew f'dak li jiddisponu għalih is-sub inċiżi (i) sa (v) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu 469A (3) tal-Kap. 12.

44. Stabbilit illi l-Ewwel Qorti korrettement applikat Artikolu 469A tal-Kap. 12 u mhux il-Kap. 490 għall-kawża li kellha quddiemha, isegwi illi d-dekadenza eċċepita mill-appellati msejsa fuq is-sub inċiz 3 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 hija applikabbli għall-azzjoni attriċi u tirriżulta fondata.

45. Jirriżulta mill-atti, u ammess mill-appellanti, illi hija saret taf bil-ħlas impunjat li sar lil GreenMt mix-xhieda mressqa waqt is-seduti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Jannar 2014, tas-16 ta' Jannar, 2014 u tas-17 ta' Frar, 2014

[2] Ara verbal a fol. 211

fil-kawża llum deċiża "Green Dot Malta Ltd v. Malta Environment and Planning Authority" .

46. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fit-3 ta' Settembru, 2014 meta t-terminu ta' dekadenza ai termini ta' Artikolu 469A(3) kien ġia skada fid-9 ta' Lulju, 2014.

47. Għalhekk issib illi l-aggravji kollha mressqa mill-koperattiva appellanti huma infondati u qed jiġu respinti.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-koperattiva appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss